

# Bl-Iswed Fuq l-Abjad

**Il-Kumitat Ċentrali**

B'referenza għall-messaġġ li nkiteb mill-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. fil-Pubblikazzjoni Annwali tal-istess Soċjetà (2015) fl-artiklu li deher minn paġna 50 sa paġna 59, il-Kumitat Ċentrali tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, waqt li jikkonferma dak kollu li huwa kiteb fil-Pubblikazzjoni Annwali tiegħu (2015) fl-artiklu li deher minn paġna 25 sa paġna 41, iħossu fid-dover li jagħti r-risposta tiegħu billi jidher biċ-ċar li għad hawn min irid ikompli jbagħbas mal-verità sagrosanta ta' kif bdew u ffjoroxxew iż-żewġ entitajiet mużikali ġewwa ż-Żurrieq.

1. Terġa' ssir enfasi fuq il-kliem 'xolti'/'xoljiment' meta fir-risposta tagħna aħna spjegajna b'mod ċar li dan ma kien xoljiment xejn għaliex il-Banda *La Concordia* baqgħet bl-istess President (il-Kav. Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro) u bl-istess surmast (Mro. Carmelo Zammit). Mela allura jidher biċ-ċar li hemm il-kontinwazzjoni tal-*Filarmonica del Zurrico*. Li hu żgur huwa li kien hemm ix-xoljiment tal-*Filarmonica Mannarino* u dan għaliex la l-President tagħha (Zaccaria Roncali LL. D) u lanqas is-Surmast (Mro. Ignazio Catania) ma kellhom xi inkarigu fil-Banda *La Concordia* waqt li l-bandisti li kienu jagħmlu parti mill-istess *Filarmonica Mannarino* reġgħu marru lura fil-banda li issa kien sar jisimha *La Concordia*. Kien għalhekk li s-Surmast Zammit iddeċieda li minn issa 'l quddiem l-isem tal-banda jkun *La Concordia* għax kienet irrenjat l-għaqda. Aħna nemmnu li kieku verament kien hemm xoljiment fis-sens litterali tal-kelma, din il-banda 'ġdida' kien ikollha President u Surmast Direttur ġodda biex b'hekk la tidher simpatija lejn banda u lanqas lejn l-oħra. L-artikolista jerġa' jwaqqa' l-ġebla fuq saqajh meta huwa stess jippubblika x-xhieda ta' Dr. Emmanuel Degiorgio. L-istess Degiorgio fix-xhieda tiegħu jgħid li ż-żewġ baned li kien hemm fir-raħal "si fusero in una sola banda", li bil-Malti tfisser li ngħaqdu. Kieku xoljew kien jgħid "che si sono scolti"! Wieħed irid iżomm f'moħħu li meta l-imħallfin u l-avukati kienu qed jitrattaw il-kawża dawn ma kinux huma li kienu qed jiktbu l-istorja tal-banda u għalhekk għalihom ma kinetx tagħmel differenza x'kelma użaw. Mill-banda l-oħra, Dr. Degiorgio, li kien President tal-Banda *La Concordia* (1895-1898) kien jaf sewwa kif ġraw l-affarijiet (jiġifieri li l-bandisti tal-Banda Mannarino reġgħu ngħaqdu mal-*Filarmonica del Zurrico* u sempliċiment inbidel l-isem kif xtaq is-Surmast Karmnu Zammit).
2. Xorta għadna ma nistgħux nifhmu kif qed issir enfasi fuq it-tifsira litterali tal-kelma 'xoljiment' u fl-istess ħin is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina tiftaħar bil-kontinwità tagħha. Bi ftit matematika bażika u sens komun mill-ewwel tinduna li jekk qed jingħad li sar ix-xoljiment taż-żewġ baned li kienu jeżistu, allura qed tammetti inti stess li kollox reġa' beda mill-ġdid fis-sena 1893. Dan ifisser li ma hemmx 150 sena ta' mixja mużikali kontinwa. Aktar minn hekk, b'arroganza liema bħalha, l-artikolista jikkritika l-*logo* uffiċjali li

użajna għall-festi tal-150 sena tal-Banda Queen Victoria għax fih issir enfasi bil-kliem: *150 Sena ta' Storja Kontinwa*. U aħna nistaqsu: Jekk ma niftaħrux aħna bi storja kontinwa, liema enitità mużikali fiż-Żurrieq tista' tiftaħar b'dan? Għax safejn nafu aħna l-entità mużikali l-oħra għamlet żmien banda, għamlet żmien orkestra u għamlet żmien *jazz band* waqt li l-Banda Queen Victoria, minkejja li nbidlilha l-isem, baqgħet dejjem banda mill-1865 sal-lum.

3. Għadna ma nistgħux nifhmu kif l-artikolista jibqa' jgħid li s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. hija d-dixxindenti diretta u fidila taċ-*Circolo Zurrico*/*Circolo Santa Caterina* meta fl-istess artiklu qed jaqbel magħna (Programm tal-Festa ta' S. Katarina 2015, p. 54) waqt li huwa wkoll fatt magħruf, li ċ-*Circolo Zurrico*/*Circolo Santa Caterina*, bħall-Għaqda Karmelitana (*Circolo La Stella*), għal ħafna snin kien entità soċjali IMMA MHUX MUŻIKALI. L-artikolista jsostni għal aktar minn darba li Ferris kien storiku tajjeb u li aħna merejnieh. Veru li kienu storiku u riċerkatur tajjeb. Tant hu hekk u tant kien eżatt f'dak li kiteb li qagħad jgħodd in-numru ta' orkestranti li kellha l-orkestra li twaqqfet fi ħdan il-knisja taż-Żurrieq fl-1864. Għandna nifhmu li li kieku din l-orkestra kienet parti miċ-*Circolo Zurrico*, Ferres kien jgħidha wkoll! Bħala storiku tant tajjeb, għaliex Ferres ma jagħtix isem speċifiku lill-orkestra li twaqqfet fl-1864? Kif din is-Soċjetà mużikali ma jagħtihiex isem biex forsi llum konna nkunu ċerti li kienet verament is-'Soċjetà Mużikali Sta. Katarina V.M.' tal-lum? Dan il-punt japplika wkoll għar-referenza li ssir fil-kotba tal-prokura tal-Knisja taż-Żurrieq li jsemmi l-artikolista fejn Dun Stiefnu Zammit qatt ma jagħti isem lill-banda li ħallas għaliha biex ħadet sehem fil-festa ta' Santa Katarina tal-1864! Allura ngħidu aħna, kif wieħed jista' jaqbad u jikkonkludi li dik hija s-Soċjetà Mużikali Sta. Katarina V.M. tal-lum meta lanqas biss ma hija mogħtija isem, anke jekk differenti, biex forsi wieħed jifhem li hija mqar id-dixxindent tagħha? Il-logħob fil-kliem SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M. wieħed jinnotah fil-fatt illi jekk allura s-Soċjetà mużikali kienet parti miċ-*Circolo* u ċ-*Circolo* baqa' għaddej (kif skont l-artikolista anke s-Soċjetà), x'raġuni kien hemm biex iċ-*Circolo* jinkariga lis-Surmast Montebello biex **IWAQQAF** l-orkestra fl-1900 (ara l-ktieb SANTA KATARINA: IL-FESTA U S-SOĊJETÀ MUŻIKALI TAGĦHA FIŻ-ŻURRIEQ p. 234), meta suppost dan, dejjem skont l-artikolista, diġà kellu Soċjetà mużikali fi ħdanu? Ma tagħmilx sens li tgħid li għandek Soċjetà mużikali u mbagħad tqabbad wieħed barra miċ-*Circolo* biex iwaqqaf orkestra! Mistoqsija oħra vitali li bilfors ikollha tqum hija din: Il-Kappillan Dun Vinċenz Schembri li jitqies mill-artikolista bħala l-ewwel President tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. kien ukoll il-President taċ-*Circolo Zurrico* li kien ilu mwaqqaf sewwa qabel l-1864 jew allura ċ-*Circolo* kellu President ieħor li għadna ma nafux min hu? It-taħwid u l-logħob bil-kliem huwa espress ukoll fil-faċċata tal-każin għax waqt li fuq il-frontispizju wieħed jara b'ittri kbar SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M., biswit il-bieb prinċipali wieħed jara rħama bil-kliem KAŻIN TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M. Min-naħa tagħna aħna qatt ma ħallejna lil ħadd isejħilna *Għaqda Mużikali Madonna tal-Karmnu* għax dejjem sostnejna dak li tgħid l-istorja, jiġifieri li l-każin soċjali bl-isem *Circolo la Stella* fl-1900 laqa' fih lill-Banda *La Concordia* (li fl-1908 biddlet isimha għal 'Queen Victoria') u b'hekk seħħet l-għaqda bejniethom, tant li llum jissejħu GĦAQDA KARMELITANA BANDA QUEEN VICTORIA.

4. L-artikolista jsostni li mhux veru li *Filarmonica del Cavalier* kien biss laqam. Jgħid li dan kien sar l-isem propju tal-banda. Dan mhu veru xejn għax fil-*Guida Generale di Malta e Gozo* tas-sena 1893 terġa' tidher bl-isem oriġinali tagħha, jiġifieri *Filarmonica del Zurrico*. U dan fl-istess sena meta l-artikolista qed isostni li din il-banda xoljiet!

5. Jintefa' dubju fuq kemm huwa veru li r-ritratti li ġew prodotti fil-Pubblikazzjoni Annwali tagħna, ta' żewġ postijiet li fihom għammret il-*Filarmonica del Zurrico* (jiġifieri 20, Strada Brittanica u 18, Triq San Leopoldu) humiex vera l-lokalitajiet li kellha l-istess banda. Ir-risposta tagħna hija li l-bandisti l-aktar anzjani li llum m'għadhomx magħna, dejjem ħallewlna xhieda verbali mill-aktar korretta u dejjem ippuntaw subgħajhom għal dawk il-lokalitajiet indikati fir-ritratti ppubblikati. Għaldaqstant min qed jaħseb li l-Kumitat Ċentrali tas-sena 1990 waħħal l-irħam kommemorattiv mal-ħitan ta' dawn ir-residenzi bl-addoċċ jew inkella b'qerq, sejjer imqarraq bil-kbir! Min-naħa tagħha s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina qatt ma waħħlet irħam kommemorattiv imkien u allura minn kif qed jirraġuna l-artikolista, dan in-nuqqas jista' aktar ifisser li hemm dubji serji fuq fejn verament għammret din l-istess Soċjetà. Aħna għall-inqas smajna l-kelma tal-antenati tagħna u waħħalna l-irħam fil-postijiet fejn għammret il-banda tul iż-żmien, imma s-Soċjetà Mużikali Sta. Katarina V.M., għal xi raġuni li ma nafux biha,




*Is-sena 1946 minquxa fuq il-badge tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina.*

qatt ma waħħlet xejn imkien! Hija ħaġa minn awl id-dinja li fejn l-istorja ħallietna fil-għama, kellna bilfors noqogħdu fuq xhieda orali ta' min joqgħod fuqha li dejjem indikat b'mod preċiż fejn għammret il-Banda Queen Victoria tul is-snin mill-1865 sal-lum. Tant aħna fidili lejn l-istorja li aħna qatt ma stħajna ngħidu li għal xi żmien (1905-1914) l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria kienu qed jgħammru fl-istess post fejn illum hemm is-sede tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., jiġifieri 20 Piazza Maggiore. Dik hija l-istorja u l-istorja ma jmeriha ħadd!

6. L-artikolista jipprova jġiegħel lill-qarrejja jaħsbu li r-ritratt tal-Kavallier Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro kif prodott fl-artiklu tiegħu (Programm tal-Festa ta' S. Katarina VM p. 56) u kif jipposseduh fil-preżent l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, huwa b'xi mod manipulazzjoni tal-fatti u dan għaliex għandu kitba li saret bl-idejn fuqu li turi li Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro kien 'President of the Queen Victoria Band from 1878 to 1895'. Din ma hi manipulazzjoni xejn imma x'aktarx kitba ta' xi ħadd fil-każin tagħna, jista' jagħti l-każ anki membru tal-kumitat fil-bidu tas-seklu 20, li wara l-1908 (meta l-banda tagħna biddlet isimha għal 'Queen Victoria') deherlu li għandu jniżżel dak il-kliem mingħajr ma qagħad iqis li fi żmien li l-Kavallier kien President tal-istess banda, din kellha isem ieħor. Għalina din mhux talli hija manipulazzjoni, talli hija xhieda awtentika li l-persuna li kitbet dan il-kliem, forsi mingħajr ma kienet taf dakinhar u mingħajr ma induna l-artikolista nnifsu meta pprova jaqbad ma' tarf frivolu, kienet qed tikkonferma l-fatt li l-Banda Queen Victoria hija d-dixxindent dirett tal-ewwel banda li kellu ż-Żurrieq li bejn l-1878 u l-1895 kellha ismijiet differenti (l-isem *Filarmonica del Zurrico*, il-laqam *Filarmonica del Cavalier* u l-isem *La Concordia*). Interessanti l-fatt li min kiteb dawk il-kelmtejn ħafna u ħafna snin ilu kien tassew korrett meta jindika s-snin tal-presidenza tal-Kavallier dei Marchesi għax jaqblu perfettament ma' dak li jinstab fil-*Guida Generale* ta' dawk il-perjodi. Kieku tassew dik il-kitba fuq ir-ritratt saret b'qerq, l-individwu li għamilha kien ikun qarrieqi biżżejjed li l-kitba jagħmilha bit-Taljan, billi lejn tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, dik kienet il-lingwa predominanti f'Malta.

7. Wieħed jiskanta kif ma saret l-ebda kontestazzjoni ta' stqarrijiet li għamilna fir-risposta tagħna (2015): (a) ma ntqal xejn fuq kif l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria jippossiedu ritratt speċjali fuq il-ħġieġ tas-Surmast Luigi Carabott li bla dubju huwa parti mill-patrimonju tal-*Filarmonica del Zurrico* li twaqqfet mill-orkestra tal-knisja tal-1864 immexxija mill-istess Carabott (Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 2015 p.31/p.33) (b) ma ntqal xejn fuq kif is-sehem tal-Banda Queen Victoria fil-festin li kien sar għat-tfal fqar taż-Żurrieq (Jannar 1941) juri biċ-ċar li din kienet l-unika banda li kellu ż-Żurrieq (Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 2015 p. 39) (ċ) ma ntqal xejn fuq sehem il-Banda Queen Victoria WAĦIDHA fil-funeral tas-Surmast Karmnu Zammit (Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 2015 Referenza nru. 15, p. 41) (d) ma ntqal xejn fuq l-arma tal-Banda Santa Katarina fejn qed jidher biċ-ċar li din twaqqfet fl-1946 (Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 2015 p. 41) (e) ma ntqal xejn fuq is-sehem tar-rappreżentanza taċ-*Circolo e Filarmonica La Stella* WAĦIDHA MIŻ-ŻURRIEQ fl-ewwel laqgħa tal-*Camera del Lavoro* nhar il-15 ta' Mejju 1921 (Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 2015 p. 35). Aħna nemmnu bis-sħiħ li ladarba ma ngħatat l-ebda risposta immedjatament

wara dak li pproduċejna aħna, allura l-artikolista qed jikkonċedilna l-verità tal-fatti.

### 8. Aħna ma nistgħux inħallu din l-okkażjoni tgħaddi mingħajr ma nifirħu din is-sena lill-Banda Santa Katarina V.M. f'għeluq is-sebgħin sena mit-twaqqif tagħha (1946-2016).




*Badge oħra tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina bis-sena 1946 minquxa fuq l-istess badge.*

Il-verità hija li ż-Żurrieq kellu jistenna sa Novembru 1946 biex ikollu t-tieni banda STABBLI tiegħu u dan minħabba li waqt li fuq naħa kellu lill-Banda Queen Victoria bħala l-banda DEJJEM STABBLI li kienet tieħu sehem WAĦIDHA ġewwa l-istess raħal u tirrappreżentah WAĦIDHA fuq livell nazzjonali, l-entità mużikali l-oħra kellha tbiddel il-formazzjoni tagħha għal bosta drabi tant li mill-inqas, mill-1900 sal-2016, kellha tbiddel il-formazzjoni tagħha għal sitt darbiet: 1900 – 1914 (ORKESTRA), 1914-1920 (BANDA), 1920-1930 (ORKESTRA), 1930 (*JAZZ BAND*), 1931-1946 (ORKESTRA), mill-1946 sal-lum (BANDA). Nittamaw li issa, fis-sena 2021, il-Banda Santa Katarina tfakkar kif inhu xieraq il-75 sena mit-twaqqif tagħha għax donnu wara li f'Novembru 1971 fakkret kif kien xieraq il-Ġublew tal-Fidda tagħha b'ħafna pompa (ara ċ-ċelebrazzjonijiet li saru f'din l-okkażjoni fil-ktieb SANTA KATARINA: IL-FESTA U S-SOĊJETÀ MUŻIKALI TAGĦHA FIŻ-ŻURRIEQ p. 258 u 259), il-Ġublew tad-Deheb (1996) għadda bla ma sar xejn… Aħna nistaqsu: Kif fl-1971 kien hemm dik il-ħeġġa kollha għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew tal-Fidda tant li twaħħlet lapida kommemorattiva fil-każin u nkixfet mill-Gvernatur Sur Anthony Mamo u wara ma sar xejn aktar? **Tgħid huwa l-każ li f'dawn l-aħħar għoxrin sena qed tipprova titnessa d-data tat-twaqqif tal-Banda Santa Katarina A.D. 1946? Jekk hawn min qed jipprova jnessiha, il-badge fuq il-beritta tal-bandisti (li qed nerġgħu nipproduċu hawnhekk) ma tnessihiex!**




*1946… id-data tat-twaqqif tal-Banda Santa Katarina.*

#### Konklużjoni

Il-konklużjoni tagħna għal dawn il-punti t'hawn fuq hija waħda u sempliċi: Jekk is-Soċjetà Mużikali Sta. Katarina V.M. trid tkun tassew fidila lejn l-istorja tagħha u lejn l-istorja tal-baned fiż-Żurrieq, għandu jkollha d-diċenza li tmur lura biss sal-1900 għaliex kien propju dik is-sena li bdiet tassew tistabbilizza ruħha xi ftit bit-twaqqif ta' orkestra fi ħdan iċ-*Circolo Sta. Caterina* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Nikola Montebello. L-istorja bejn is-snin 1864 u 1900 turi li s-Soċjetà Mużikali S. Katarina V.M. mhux dejjem kienet entità mużikali imma każin soċjali biss (*Circolo Zurrico/Circolo S. Caterina*) kif kienet l-Għaqda Karmelitana u meta kienet waħda mużikali (*Banda Mannarino*), ftit wara sfaxxat (1883) u l-elementi tagħha reġgħu daħlu jagħmlu parti mill-*Filarmonica del Zurrico*. Mill-banda l-oħra, dik li llum hija l-Banda Queen Victoria, mifruda mill-Għaqda Karmelitana sal-1900, mill-1865 sal-1900 dejjem kienet banda stabbli minkejja li taħt ismijiet differenti, kif jixhdu l-provi li tajna ħafna drabi ta' fejn daqqet u t-tifkiret ta' dawk is-snin li għadhom miżmumin b'għożża ġewwa l-każin tagħna.